MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2014

Numru. 906/2013

Il-**Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Jessica Manfre, ta’ 18-il sena bin Gerald u Josette nee` Cacciattolo, imwielda Pieta, Malta, fl-14 ta’ Frar 1995 u toqghod f’7, Shalimar, Court, Triq Nazju Falzon, Msida, detentrici tal-karta ta’ l-identita` bin-numru 82995M.

Talli;

F’xi granet f’Gunju u Lulju 2013, f’dawn il-Gzejjer;

1) Wetqet frodi b’ghemil qarrieqi, billi b’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlet uzu ta’ smijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b’qerq iehor, ingann, jew billi uriet haga b’ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza’ ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, biex taghmel qliegh ghaliha jew ghal persuni ohra, ta’ aktar minn mitejn u tnejn u tletin Ewro u erba` u disghin centezmu ( €232.94) izda inqas minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta’ Go Plc.

2) Appropjat ruha, billi dawret bi profitt ghaliha jew ghal persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lila taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, ghall-valur ta’ aktar minn mitejn u tnejn u tletin Ewro u erba w disghin centezmu (€232.94) izda inqas minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu(€2329.37) ghad-dannu ta’ Go Plc.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputata irregistrat ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minna wara li l-Qorti tata zmien xieraq skond il-ligi sabiex tikkonsidra sew l-ammissjoni taghha, u wara li l-Qorti wissieta olennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 293, 308 u 310 (1) (b) tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Din il-Qorti qieghda issib lill-istess imputata Jessica Manfre hatja skond l-akkuzi dettota kontra taghha u ghal daqstant qieghda tordna li titqieghed taht ordni ta’ ‘probation’ ghal perijodu ta’ tlitt (3) snin, ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta

Kif ukoll tordna lill-imputata thallas is-somma ta’ €1,535.56 lil Go Plc ai termini ta’ l-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputata.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------